MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 772/2006

**Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima**
**bhala mandatarji specjali tas-socjeta estera**
**Droga Kolinska Zivilska Industrija d.d.**

**Vs**

**Moz-Art Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Awwissu 2006 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici bieghet, provdit u fornit lis-socjeta konvenuta merkanzija konsistenti fi prodotti tal-ikel u dana fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta konvenuta u dan kif jirrizulta minn diversi fatturi hawn annessi Dok. A u mill-affidavit tad-direttur tas-socjeta attrici Enzo Smrekar Dok. B u l-affidavit ta' Matevz Bambic Dok. B2;

2. Illi s-socjeta attrici bieghet l-imsemmija merkanzija lis-socjeta konvenuta bil-kondizzjoni espressa illi t-trasferiment tal-proprjeta ma jsehhx qabel ma jsir il-hlas kollu tal-prezz tal-istess merkanzija u dan kif jirrizulta minn kull fattura hawn annessa markata Dok. A;

3. Illi z-zmien biex issir il-hlas ta' kull fattura hawn annessa ghalaq inutilment u s-socjeta konvenuta naqset milli thallas l-prezz dovut ghall-istess merkanzija fis-somma ta' tnejn u sittin elf mitejn u tmien euro u tnejn u sebghin euro cents (Eur62,208.72) ekwivalenti ghall-circa sebgha u ghoxrin elf u sebgha u erbghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm27,047.26) kif jirrizulta mill-prospett hawn anness Dok. C u D;

4. Illi s-socjeta attrici ghandha dritt titlob hlas in pien lis-socjeta konvenuta ghall-istess merkanzija fis-somma hawn fuq imsemmija;

5. Illi minkejja mitluba thallas diversi drabi s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta konvenuta ghandha thallas lill-atturi nomine s-somma ta' tnejn u sittin elf mitejn u tmien euro u tnejn u sebghin euro cents (Eur62,208.72) ekwivalenti ghall-circa sebgha u ghoxrin elf u sebgha erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm27,047.26) rappresentanti l-prezz tal-merkanzija hawn fuq imsemmija;

2. Hekk tikkundana u tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-istess somma ta' tnejn u sittin elf mitejn u tmien euro u tnejn u sebghin euro cents (Eur62,208.72) ekwivalenti ghall-circa sebgha u ghoxrin elf u sebgha erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm27,047.26) u dovuta kif intqal aktar il fuq lill-atturi nominee;

Bl-imghax mid-data tal-bejgh sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra s-socjeta konvenuta;

Is-socjeta konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
1. Illi t-talba tar-rikorrenti nomine hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-imsemmija merkanzija giet mibjugha taht il-klawsola tal-pacto riservatio domini u ghalhekk ir-rikorrenti nomine ghandhom dritt jitolbu mhux il-prezz tal-merkanzija kollha kkonsenjata izda l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx;

3. Illi fil-fatt l-esponenti nomine kien diga offra r-restituzzjoni tal-merkanzija mhix mibjugha lura lir-rikorrenti nomine;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-merkanzija kkonsenjata konsistenti fi prodotti tal-ikel ma kienitx ta' kwalita pattwita inkella ma kienux ta' kwalita tajba jew inkella suppliti b''expiry date' qasira, tant li dan ma kienx qed jippermetti lill-esponenti tinnegozja l-istess merkanzija stante li tal-hwienet kienu qed jirritornawha lura jew addirittura jirrifjutawha u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi inoltre diversi prodotti tal-ikel gew konsenjati mir-rikorrenti nomine minghajr struzzjonijiet jew l-inkarigu da parti tal-esponenti;

6. Illi rikorrenti nomine stess irrikonoxxiet dawn in-nuqqasijiet meta harget numru ta' 'credit notes' favur is-socjeta esponenti;

7. Illi inoltre l-ammont mitlub mir-rikorrenti nomine huwa eccessiv;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mir-rikorrenti nomine mhuwiex dovut stante illi s-socjeta esponenti ghandha tiehu somma ohra minghand l-istess rikorrenti nomine, hekk kif mitlub fit-talba rikonvenzjonali pprezentata kontestwalment ma' din ir-risposta, u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
Illi r-rikorrenti nomine rikonvenzjati kkonsenjaw lis-socjeta rikonvenzjonanti merkanzija konsistenti fi prodotti tal-ikel intizi ghall-bejgh fuq is-suq lokali;

Illi l-konsenja ta' diversi prodotti tal-ikel ma kienitx skond il-kwalita pattwita jew inkella ma kienux ta' kwalita tajba jew inkella supplita b''expiry date' qasira, tant li dan ma kienx qed jippermetti lis-socjeta rikonvenzjonanti tinnegozja l-istess merkanzija stante li tal-hwienet kienu qed jirritornawha lura jew addirittura jirrifjutawha;

Illi inoltre l-konsenja ta' diversi prodotti ohra tal-ikel ma gietx ordnata mis-socjeta rikonvenzjonanti u giet fornita mir-rikorrenti rikonvenjonati minghajr ebda ftehim fuq il-prodott jew fuq il-prezz;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti rikonvenzjati harget numru ta' 'credit notes' fir-rigward ta' dawn l-oggetti a favur tas-socjeta rikonvenzjonanti;

Illi fir-rigward ta' dawn l-oggetti s-socjeta rikonvenzjonanti sofriet danni rapprezentanti spejjez inkorsi minnha ghal tariffi lokali, ghat-trasport, hazna u hlas ta' spejjez doganali,

Illi konsegwenza tan-nuqqasijiet u difetti fil-prodotti kkonsenjata mir-rikorrenti rikonvenzjonati u suppliti lil hwienet gewwa Malta mis-socjeta rikonvenzjananti, is-socjeta rikonvenjonanti tilfet in-negozju u anke klijenti taghha u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt il-kawza;

Illi d-danni sofferti mis-socjeta rikonvenjzonanti ammontanti ghal sbatax il elf sitt mija u wiehed euro u erbgha u hamsin centezmu (Eur17,601.54) ekwivalenti ghal sebat elef hames mija u erba' u hamsin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm7,554.31), huma spjegati fil-prospett anness u markat Dokument A;

Illi minkejja mitluba diversi drabi ihallsu dan l-ammont, ir-rikorrenti rikovenzjonati baqghu inadempjenti;

Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Jghidu ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonanti nomine ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

i. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenjonati nomine huma responsabbli ghad-danni konsegwenzali ghal konsenja lis-socjeta rikonvenjzonanti ta' prodotti tal-ikel li ma kienux skond il-kwalita pattwita, mhux ta' kwalita tajba, u b'expiry date qasira;

ii. Tillikwida din is-somma fl-ammont ta' sebat elef hames mija u erba' u hamsin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm7,554.31) jew somma ohra verjuri li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti;

iii. Tordna u tikkundanna lir-rikorrenti rikonvezjonati nomme ihallsu l-ammont hekk stabbilit;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bis-subizzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati nomine;

Rat ir-risposta guramentata ghal kontrotalba li tghid hekk:
1. Illi t-talbiet tas-socjeta Moz-art Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess Moz-Art Ltd peress li l-ammont mitlub mhuwiex dovut;

2. Illi l-esponenti noe m' humiex responsabbbli ghall-ebda danni allegatament sofferiet mis-socjeta Moz-art Limited;

3. Illi l-prodotti tal-ikel in kwistjoni gew ikkonsenjati lill Moz-Art Limited skond l-ordni u l-inkargu tal-istess Moz-art Limited u dan kif se jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza odjerna;

4. Illi l-esponenti noe m'humiex responsabbli ghall-ebda danni li allegatament irrizultaw minn merkanzija mixtrija minn Moz-Art Limited izda mhux mibjugha mill-istess socjeta qabel l-expiry date tal-prodotti; illi kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni Moz-Art Limited kellha zmien twil u zmien bizzejjied biex tbiegh l-istess prodotti;

5. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost f'dawk il-kazijiet fejn is-socjeta Moz-Art Limited ghamlet xi ilment bil-mitub dwar il prodotti mixtrija, Droga Kolinska harget "credit note" "in full and final settlement"; illi il-credit notes inhargu ftehim specifiku li Droga Kolinska mhux responsabbli ghall-ebda spejjez ohra relatati mal-istess prodotti li ghalihom imhargu il -"credit notes";

6. Illi l-esponenti noe jiddikjaraw illi huma infurmati bis-suespost mir-rapprezentanti tas-socjeta Droga Kolinska, liema fatti wkoll jirrizultaw mid-dokumentazzjoni u mix-xhieda li ser tigi prodotta waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Gunju 2012.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi wahda semplici. Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ghal prodotti ta’ ikel mibjugha lis-socjeta konvenuta u li ghalihom l-isess socjeta konvenuta ma hallsitx.

Ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet hu ammess li ma kienitx wahda formali hafna. Ma kienx hemm kuntratti ta’ negozju. Anzi jidher li l-bejgh kien isir bit-telephone jew e-

mail, tintbaghat fattura mis-socjeta attrici u din kienet tigi konfermata jew emendata verbalment mis-socjeta konvenuta skond il-kaz u terga' tinhareg fattura ohra. Jidher mix-xhieda li xi kultant is-socjeta attrici kienet taghmel promozzjoni ta' prodotti godda fuq is-suq minghajr ma jkunu ntalbu esplicitament mis-socjeta konvenuta ghalkemm dwar din il-kwistjoni l-Qorti tidhol fid-dettal aktar il-quddiem. Anki t-terminu ta' hlas kien wiehed fluidu u mhux il-fatturi kollha kellhom l-istes terminu ta' hlas ghalkemm ebda wahda ma kienet tinoltra id-disghin jum.

Din ir-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti damet bejn Lulju 2004 sa April 2006. Is-socjeta attrici qed tallega illi hemm fatturi li s-socjeta konvenuta naqset li thallas. Dawn il-fatturi huma elenkati f'Dok. D u Dok. E a fol. 34 u 35 tal-process u esebiti individwalment minn fol. 6 sa 30 tal-process.

Jigi precizat illi Dok. D ghall-ammonti ta' €53,416.31 hu indirizzat lil Mozart Limited u Dok. E ghall-ammont ta' €8,792.41 hu indirizzat lis-socjeta Projac. Ghalkemm prima facie jidher li dan l-ahhar ammont mhux dovut mis-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici tallega illi l-merkanzija intbaghtet tramite Projac biex tigi konsenjata lil Moz-Art Limited.

Jidher mill-atti illi s-socjeta attrici ghamlet stock take fl-imhazen tas-socjeta kovenuta f'zewg okkazzjonijiet, wahda f'Settembru 2005 u ohra f'Gunju 2006. In kwantu ghall-invoices relattivament ghas-socjeta Projac, fl-istock take ta' Settembru, id-direttur tas-socjeta konvenuta Ljupco Samardziski kkonferma li l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta fuq dawn il-prodotti hu korrett (ara fol. 90 tal-process). L-ammont fil-fatt mitlub mis-socjeta attrici fis-27 ta' Gunju 2006 (data tad-dokument a fol. 35 tal-process) hu anqas minn dak ezistenti bhala dovut f'Settembru 2005.

In kwantu ghall-invoices relattivament ghas-socjeta Moz-Art fl-istess stock take jirrizulta li hamsa mill-erbatax-il fattura pendenti fis-27 ta' Gunju 2006 (fol. 5 tal-process)

kienu gew konfermati minn Ljupco Samardziski fl-istock take ta' Settembru 2005. Dawn kienu jirreferu ghal fatturi 400046, 400058, 400029, 400064, 400074. Ma jidhirx li Ljupco Samardziski iffirma xi dokument meta sar l-ahhar stock take ta' Gunju 2006 ghalkemm hu qatt ma oppona li jsir l-istock take.

L-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta huma varji pero fl-ebda hin ma tallega illi xi invoice inharget ghal prodotti mhux mibghuta lis-socjeta kovenuta. Hu minnu ili s-seba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tghid b'mod xott illi l-ammont mitlub hu eccessiv pero din l-eccezzjoni qatt ma giet iccarata u anqas hemm xi prova fl-affidavit ta' Ljupco Samardziski li titfa' dubbju fuq l-ammont mitlub mis-socjeta attrici bhala 'outstanding'. Dak li jghid l-istess Ljupco Samardziski fl-affidavit tieghu f'pagna 5 (fol. 299 tal-process) hu illi:

The sum of all issued invoices for exported but not yet paid goods which amounts to €62,208 have to be reduced for

1. Value of goods taken by Court order from Mozart warehouse.
2. Cost of transport between Slovenia and Malt and local expenses …

a. For Droga Kolinska goods in Mozart warehouse as found during stock take of 19 June 2006.
b. For Droga Kolinska goods that were past use date found during stock take on 19 June 2006 …
c. For damaged goods for which Droga Kolinska issued credit notes based on cost price.

L-istess xhud aktar il-quddiem jirreferi ghall-prodotti mibghuta bla ma gew ordnati pero fl-ebda hin ma jghid li gew rifjutati ghalkemm jixhed li f'Marzu 2005 sar ftehim dwar kif ghandhom isiru u jigu rispettati l-ordnijiet ta' xiri pero s-socjeta attrici ma kienitx issegwihom. Izid li rigward zewg ordnijiet partikolari, cioe dawk ta' Marzu 2006 hu kien irrifjuta li jaccetta kwazi d-doppju tal-ordni li ghamel pero ma jirrizultax li effettivament is-socjeta konvenuta svestiet ruhha mill-oggetti bil-mezzi li taghtiha l-ligi biex tissalvagwardja l-pozizzjoni taghha ghalkemm jirrizulta skont ta' 50% fuq din il-konsenja.

Bl-istess mod ghalkemm jidher mill-fattura li saru diversi skadenzi ghal pagamenti ta' fatturi l-aktar wahda fit-tul kienet ta' 90 jum. Ghalkemm id-direttur tas-socjeta konvenuta jixhed li dan kien isir unilateralment mis-socjeta attrici, illum l-ammonti kollha mitluba mis-socjeta attrici jirizultaw li ghadda minn fuqhom il-perjodu ta' grazzja qabel gew dovuti.

Dawn il-fatti jwasslu lil Qorti li qua ammont riklamat mis-socjeta attrici dan jirrizulta ppruvat sodisfacentement.

**Eccezzjonijiet**

L-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta huma riflessi fil-kontrotalba tal-istess socjeta.

**Eccezzjoni tal-pacto riservatio dominii**

Is-socjeta konvenuta tissottometti li ladarba jidher pacifiku bejn il-partijiet li s-socjeta attrici zammet it-titolu ghall-prodotti mibjugha, hi ma setghetx tesigi l-hlas tal-merkanzija mhux mibjugha izda biss ir-restituzzjoni tal-oggetti mhux mibjugha.

Il-Qorti ma taqbilx. Dan it-tip ta' bejgh hu ghal kull fini bejgh skond il-ligi, kondizzjonat pero bid-dritt li l-proprjetarju izzomm il-jedd fuq il-proprjeta tal-oggett innifsu sa ma jithallas il-prezz. Ma jfissirx b'daqshekk li dan mhux bejgh konkluz bl-obbligu tal-akkwirent li jhallas il-prezz. Ma sar ebda ftehim li l-kumpratur ma setghax jiddisponi mill-oggetti jew li kien ftehim fejn is-socjeta kovenuta kellha l-obbligu li thallas biss ta' dak mibjugh cioe bejgh on consignment. Dan irid jirrizulta car u ma saret ebda prova cara mis-socjeta konvenuta li kien hekk. Inoltre hu pacifiku li l-kumpratur kellu d-dritt li jiddisponi mill-oggett billi jbieghhom iktar u iktar meta f'dan il-kaz il-proprjeta trasferita hi prodotti tal-ikel. Darba li jiddisponi mill-oggett, it-terz akkwirent isir il-proprjetarju. F'dan il-kaz il-venditur originali jibqalu biss id-dritt ghal hlas tal-prezz. Izda meta l-akkwirent ikun ghadu fil-pussess tal-oggett mibjugh u ma jhallasx skond it-termini tal-ftehim il-venditur

stante li dan hu bejgh kondizzjonat ikollu l-jedd skond l-artikolu 1069 li jew jitlob ix-xoljiment tal-ftehim jew l-adempiment tal-ftehim cioe l-hlas billi dan il-ftehim hu wiehed fejn kundizzjoni rizoluttiva hi implicita meta wiehed mill-partijiet jonqos milli jadempixxi l-obbligazzjoni tieghu (artikolu 1068 Kap. 16).

Ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li s-socjeta attrici ghandha biss il-jedd li tiehu lura prodotti li ghadhom ghand is-socjeta konvenuta u mhux il-hlas tal-prezz taghhom qed tigi michuda. Il-fatt li qed jigi allegat illi s-socjeta konvenuta offriet li tirrestitwixxi l-merkanzija mhux mibjugha ma titfa' ebda obbligu fuq is-socjeta attrici li taccetta dan minflok il-hlas. Din il-Qorti pero mhix konvinta lanqas fattwalment intlahaq ftehim f'dan is-sens. Hemm xieheda konfigjenti dwar dan il-punt. Filwaqt li s-socjeta attrici tghid li kienet lesta tircievi lura l-merkanzija fil-warehouse tas-socjeta konvenuta pero s-socjeta konvenuta naqset li taghmel dan u naqset li tasal fi ftehim dwar hlas tad-dejn u kellha ssir il-kawza, is-socjeta konvenuta tghid illi t-terminu biex hi tirritorna l-merkanzija bla ftehim dwar responsabilta ghall-ispejjez ghat-trasport kien qasir wisq u nzerta gie impost fi tmien il-gimgha fejn lanqas kieku setghet is-socjeta konvenuta ma kien jirnexxilha tirritorna l-merkanzija. In ogni kaz is-socjeta konvenuta kienet qed tissoggetta kull ftehim dwar allegazzjoni ta' spejjez inkorsi li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta attrici. Minhabba f'dan il-konflitt ta' provi minghajr prova tali li xxaqleb lejn parti jew ohra, ma jistghax jinghad li intlahaq ftehim ghar-ritorn tal-merkanzija li naqset fih is-socjeta attrici. Kwindi din l-eccezzjoni kif impostata ma tistax tissolleva lis-socjeta konvenuta.

Bhala fatt jirrizulta li l-oggetti li kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta konvenuta inqabdu b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju mis-socjeta attrici u nbieghu minhabba n-natura taghhom ta' oggetti tal-ikel. Ir-rikavat ta' dak li nrexxielu jinbiegh hu depozitat fil-Qorti jistenna l-ezitu tal-kawza. Ghar-ragunijiet moghtija aktar il-fuq din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta li hi s-socjeta attrici li ghandha taghmel tajjeb ghad-differenza fil-valur tal-bejgh tal-oggetti mal-valur reali taghhom.

**Kwalita pattwita**

Is-socjeta konvenuta qed tpoggi bhala difiza n-nuqqas tas-socjeta attrici li tikkonsenja merkanzija cioe prodotti tal-ikel tal-kwalita pattwita. F'dan it-terminu legali qed jigu komprizi prodotti tal-ikel mhux ta' kwalita tajba, jew b'expiry date qasira.

Din il-Qorti tqis li ngiebu provi fejn is-socjeta attrici accettat li intbaghtu prodotti b'expiry date qasir u li fuqhom is-socjeta konvenuta inghatat credit notes li giet accettata mis-socjeta konvenuta minghajr riservi. L-istess jinghad ghal prodotti mhux ta' kwalita tajba. Dawn jirrizultaw mill-istatment of accounts a fol. 122 et seq. tal-process. Fl-affidavit tieghu l-istess direttur tas-socjeta konvenuta jammetti li sar il-kumpens pero jsostni li ma sar ebda kumpens ghat-trasport u spejjez konnessi ma magazzinagg u telf ta' profitt. Imkien pero ma jirrizulta li s-socjeta konvenuta ghamlet xi pretensjoni dwar spejjez ta' magazinagg, trasport jew telf ta' profitt hlief wara li saret il-kawza. Hu tardiv u inammissibbli ghas-socjeta konvenuta li tallega nuqqasijiet ta' kwalita meta hi stess accettat kumpens bla riserva u meta jekk ma riditx taccetta l-prodotti minhabba nuqqas ta' kwalita naqset li tottempera ruhha mal-ligi. L-artikolu 1390 jitlob u jesigi li n-nuqqas ta' accettazzjoni tal-prodott tigi maghmula b'mod car u inikwivoku bid-depozitu tal-oggett konsenjat taht l-awtorita tal-Qorti u mhux biz-zamma tieghu, accettazzjoni bi hlas anqas milli dovut u addirittura bil-bejgh tieghu. Il-Qorti fis-sentenza **Louis Farrugia u S & R (Handaq) Limited**, deciza fit-12 ta' Marzu 2012 qalet hekk:
Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annullament); (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa; jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma. Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni,

jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa’ lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ[1];
Illi joħroġ mil-liġi wkoll li x-xerrej li jingħata ħaġa li ma tkunx tal-kwalita’ miftehma mal-bejjiegħ jew li ma tkunx taqbel mal-kampjun, għandu żewġ għażliet: jew li ma jaċċettax il-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jżomm il-ħaġa u jitlob tnaqqis fil-prezz tagħha. Xerrej ma jistax iżomm il-ħaġa, jinqeda biha mqar għal ftit żmien, u mbagħad, meta jkun imfittex biex iħallas prezzha, jitlob id-danni għan-nuqqas ta’ adempiment[2];
Illi problema li minn dejjem tqanqal f’dawn l-azzjonijiet u l-proponibbilta’ tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista’ tirnexxi u jista’ jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha)[3]. Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x’ġara waqt tali użu huwa miżmum ukoll bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej[4];

Din il-Qorti hi tal-fehma illi kull rikjam ghad-danni ibbazat fuq il-premessa ta’ affarijiet mixtrija mhux tal-kwalita miftehma hi prekluza ghas-socjeta konvenuta billi hi ghazlet li zzomm il-merkanzija, inghatat credit notes ghal hsara bla ebda riserva u ddisponiet hi mill-istess merkanzija.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**Konsenja ta’ affarijiet mhux mitluba**

Is-socjeta konvenuta, kif intqal aktar il-fuq eccepiet li hi irceviet merkanzija anki dik promozzjonali minghajr ma ntalbet jew giet awtorizzata minnha. Konsegwentement ghandha tigi rimborsata ghad-danni sofferti minhabba

[1] Ara P.A. 10.6.1965 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Grech (Kollez. Vol: XLIX.ii.959) u s-sentenzi u riferenzi li jinsabu fiha dwar il-kwestjoni
[2] App. Inf. PS 9.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet M.A.S. Communications Ltd vs METCO Ltd
[3] Ara, per eżempju, P.A. GV 27.6.2001 fil-kawża fl-ismijiet Ignazio Anastasi Ltd. vs Maresco Trading Ltd. (mhix pubblikata)
[4] Ara, per eżempju, P.A. DS **15.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Meilaq*** (mhix pubblikata)

f'dan. Jinghad qabel xejn illi f'zewg okkazzjonijiet ghal diversi partiti ta' prodotti s-socjeta konvenuta iffirmat dikjarazzjoni ghal accettazzjoni ta' kumpens rigward dawn il-prodotti. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma esebiti a fol. 487 u 488 tal-process. Fl-ewwel wahda hemm hlas ta' kumpens ghal €407.10 u fl-ohra hlas ta' kumpens ta' €4,478.10 riflessi fir-rendikont tas-socjeta attrici. Dawn l-ghotja ta' kumpens wara ftehim jirriferu ghal partiti f'perjodu bejn Frar 2005 sa Mejju 2006 kif jirrizulta mid-data ta' fatturi fl-istess dikjarazzjonijiet u huma dikjarazzjonijiet li ma fihom ebda riserva ta' ebda xorta. Jekk wiehed jaqra l-kontrotalba tas-socjeta konvenuta fil-fatt dak li qed jigi mitlub mhux ir-risarciment tal-valur ta' dawn l-oggetti izda l-ispejjez inkorsi kemm dawk doganali jew ta' hazna minhabba nuqqas tas-socjeta attrici.

Il-Qorti tqis li l-komportament tas-socjeta konvenuta ma jirriflettix it-talba. Mkien ma rrizulta li l-prodotti gew rifjutati tant li la d-dikjarazzjonijiet ta' kumpens jew credit notes mahruga in segwitu ghall-ahhar konsenja kif jidher mir-rendikont tas-socjeta attrici a fol. 123 tal-process ma jidher li qed jigu kontestati jew accettati b'riserva mis-socjeta konvenuta. Ir-riservi tas-socjeta konvenuta saru wara l-kawza ghal hlas tal-bilanc.

**Kontrotalba**

Il-Qorti hi marbuta ma dak mitlub u xejn iktar jew oltre dak mitlub. It-talba ghad-danni hi intiza bhala tpaccija ghal dak mitlub mis-socjeta attrici liema kreditu jidher li hu ppruvat kif fuq inghad. Fil-fatt il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta ghad-danni hi marbuta ma':

1. Oggetti mibjugha mhux skond il-kwalita miftehma fis-sens mhux ta' kwalita tajba jew b'expiry date qasira. Dwar din il-kwistjoni il-Qorti fit-talba promotrici gia esprimiet il-fehma illi s-socjeta konvenuta ma tistax tintrabat ma din it-talba minghajr ma tiehu l-prekawzjonijiet legali biex tkun f'pozizzjoni li tistitwixxi l-kawza ibbazata fuq l-artikolu 1390. Jidher fil-fatt illi s-socjeta konvenuta zammet il-prodotti konsenjati lilha, bieghet parti minnhom, accettat credit notes ghal hsarat u anki kumpens bla riservi. Dawn

il-fatti jitfu l-pretensjoni tas-socjeta konvenuta a bazi ta' dan l-artikolu.

2. Oggetti mhux ordnati jew konsenja ta' ammont iktar minn dak mitlub. Hawn ukoll ma jirrizulta ebda rifjut tal-oggetti anzi jirrizultaw credit notes a bazi ta' whud minnhom minghajr ebda oggezzjoni, u z-zamma taghhom fl-imhazen tas-socjeta konvenuta sakemm gew elevati b'mandat ta' sekwestru mis-socjeta attrici. Avolja jidher li sar stock take mis-socjeta attrici f'Gunju 2006, ma jirrizultax illi s-socjeta konvenuta sa dak iz-zmien kienet qed taghmel xi oppozizzjoni formali ghal dak li kien jinstab ghandha, oltre dak li kienet gia bieghet minnhom.

Ghalkemm fiz-zewg kazijiet saret it-talba ghad-danni, kull reklam ghal danni skond l-ewwel premessa konsegwenza ta' konsenja ta' prodotti mhix tal-kwalita hi prekluza ghas-socjeta konvenuta minhabba li dan id-dritt ta' reklam ma giex preservat kif trid il-ligi. Ir-reklam ghad-danni skond it-tieni premessa ser tigi  trattata hawn taht.

Fil-kontrotalba s-socjeta konvenuta specifikat id-danni reklamati, fit-talba nfisha, sostanzjata skond prospett A anness liema danni jammontaw fit-total ghal €17,601.54 (fol. 49 tal-process). Dan l-ammont jikkontrasta bil-qawwi mal-pretensjoni tas-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza fejn il-pretensjoni f'daqqa wahda telghet ghal €35,833.88 (fol. 514 tal-process). Il-Qorti ser tiskarta din it-tieni verzjoni ta' danni billi hu dak mitlub li l-Qorti ghandha tintrabat mieghu u mhux ammonti akbar mhux mitluba fl-att promotur.

Il-prospett Dok. A hu maqsum fi tnejn. It-tieni parti tikkoncerna d-danni ta' spejjez doganali tariffi lokali u hazna ghal dawk il-prodotti konsenjati mhux skond il-kwalita liema danni kif gia intqal qed jigu skartati ghax is-socjeta konvenuta naqset li tippriserva d-dritt li taghmel tali talba ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16.

L-ewwel parti tad-danni hi wkoll ghal tariffi lokali, doganali u hazna ghal prodotti mhux mibjugha mis-socjeta attrici u li gew elevati bil-mandat ta' sekwestru 1437/2006. Hi l-

kontenzjoni li dawn l-ispejjez ghandha tbatihom is-socjeta attrici prezumibilment ghax fil-fatt kienu mibghuta lis-socjeta konvenuta meta ma kienux ordnati. Saret enfasi mis-socjeta konvenuta dwar konsenja li kienet 92% overordered u li s-socjeta attrici harget credit note ta’ 50%. Is-socjeta konvenuta, nonostante dan l-ilment kompliet tbiegh u tordna l-prodotti. Din il-Qorti gia sabet illi s-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat illi irrifjutat ebda konsenja. Anzi l-provi juru illi saru credit notes u kumpens mis-socjeta attrici bla ebda riserva da parti tas-socjeta konvenuta. Din it-talba ghal kumpens kif mitlub saret wara l-mandat ta’ sekwestru u elevazzjoni kif ukoll il-kawza kontra l-istess socjeta konvenuta. Ghalkemm jidher li kien hemm trattativi li s-socjeta attrici tiehu dawn l-oggetti lura pero dawn ma tawx frott u fil-fatt wara l-elevazzjoni tal-oggetti, stante n-natura tal-prodotti, dawn inbieghu u r-rikavat jinsab depozitat fil-Qorti. Ma giex pruvat nuqqas jew htija da parti tas-socjeta attrici. Ghalkemm is-socjeta konvenuta allegat li parti minn dawn il-prodotti ma gewx mibjugha bis-subbasta izda gew moghtija lil stabbilimenti ohra, ma saret ebda prova ta’ dan b’mod kredibbli jew konkret.

Bl-istess mod din il-Qorti ma sabet ebda prova li s-socjeta konvenuta sofriet danni ghal xi telf ta’ klijentela da parti tas-socjeta konvenuta bl-agir tas-socjeta attrici, ghalkemm tali allegazzjoni ma hix premessa jew mitluba fil-kontrotalba.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-problemi jinqalghu ghax il-ftehim kummercjali jkun wiehed laxk minghajr ebda parametri jew regolamentazzjoni cara u l-kwistjonijiet jithallew ikarkru flok jigu solvuti jew ir-relazzjoni stronkata. Tant hu hekk illi hemm divergenzi serji bejn il-partijiet dwar kif kellhom isiru l-ilmenti. Is-socjeta attrici qalet li l-ilmenti kellhom isiru bil-miktub u s-socjeta konvenuta ma kienitx taghmel hekk izda minflokk kienet tippretendi li tinqeda bit-telephone minghajr ma taghti dettalji precizi.

Hu minnu wkoll illi l-provi ttellghu b’mod konfuz, minghajr ordni jew relazzjoni bejn talba u ohra jew ilment u iehor. Hafna dokumenti kienu f’lingwa li l-Qorti ma tifhimx u ma

saret ebda traduzzjoni mill-parti li l-aktar kellha interess fid-dicitura ta’ dawn id-dokumenti. Il-Qorti qeda hemm biex tiggudika fuq dak migjub u ppruvat u mhux fuq allegazzjonijiet minghajr provi konkreti u tangibbli. F’dan naqset serjament is-socjeta konvenuta.

Il-Qorti ghalhekk issib illi t-talbiet attrici gew ippruvati ghalkemm irid jigi precizat illi mill-ammont mitlub jrid jitnaqqas ir-rikavat tal-prodotti mibjugha in segwitu ghal mandat ta’ sekwestru numru 1437/2006 fl-ammont ta’ €28,174.68, u depozitati fil-Qorti (ara fol. 583) liema somma tista’ tigi liberament zbankata mis-socjeta attrici.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi in kwantu ghat-talbiet tas-socjeta attrici, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta tilqa’ t-talbiet attrici u tikkikjara lis-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €62,208.72 li minnhom hemm depozitati s-somma ta’ €28,174.68 liema somma tista’ tigi zbankata liberament mis-socjeta attrici u kwindi s-socjeta konvenuta hi kundannata li thallas il-bilanc dovut lis-socjeta attrici fl-ammont ta’ €34,034.04 bl-imghax jiddekorri mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza cioe 16 ta’ Awwissu 2006, bl-ispejjez jithallsu mis-socjeta konvenuta.

In kwantu ghal kontrotalba tas-socjeta konvenuta, ghar-ragunijiet moghtija f’din is-sentenza tqis li ma hemmx danni li ghalihom ghandha tirrispondi s-socjeta attrici u ghalhekk in linea ma’ dan qed tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici safejn kompatibbli ma’ dak deciz u tichad it-talbiet tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------